TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 460/10

**Alan John Saffrett**

**vs**

**Right Deal Ltd. u Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentat fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija, ħamsa u tletin ewro u disgħin ċenteżmi (€535.90), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* tad-ditta Hoover, illi kien hemm diversi nuqqasijiet f'din il-*washing machine*.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentat tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rappreżentanti tad-ditti intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu xtraw *washing machine* tad-ditta Hoover għall-prezz ta' ħames mija u ħamsa u tletin ewro u disgħin ċenteżmi (€535.90), u minħabba li kellha xi problemi rriżulta li kellha bżonn pompa sabiex jgħin l-ilma jgħaddi mill-*washing machine*. Wara li xtraw il-pompa, sena wara din il-pompa kellha l-ħsara. Il-pompa ma ridux isewwuwielu b'xejn u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata Crosscraft issottomettiet illi l-pompa ma nxtratx mingħandu u għalhekk mhux responsabbli, pero' s-soċjeta' intimata Right Deal issottomettiet illi għalkemm il-*washing machine* nxtrat mingħandu il-garanzija kienet tas-soċjeta' intimata Crosscraft.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, affaċċjat b'dawn il-problemi, jinnota illi r-rikorrenti kienu aċċettaw illi tinxtarha din il-pompa, u allura kienu aċċettaw il-*washing machine*, pero' wara sena din il-pompa jidher li marret.

It-Tribunal jinnota illi l-fatt illi r-rikorrenti aċċettaw li ssir il-pompa u kif ukoll għal fatt illi l-*washing machine* m'għandhiex ħsara, u aċċettaw illi allura tinxtarha l-pompa, din tfisser li vera kien hemm pressa baxxa .

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, stante illi l-*washing machine* m'għandha xejn ħażin, waqt li rigward il-pompa, t-Tribunal ma ġiex infurmat biż-żmien tal-garanzija li jidher li spiċċat wara sena.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**